MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 07

Il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2019

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq ta' Mulejja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

### 07.1 Talba

07.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 07.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

07.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 07.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

07.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 6 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

07.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

07.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

07.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 07.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

07.4.1 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borg, għarraf li saru b'suċċess l-attivitajiet ta' Jum il-Fontana fit-2 ta' Diċembru 2019. Ġie mfakkar is-26 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill permezz ta' quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja Parrokjali li kienet għar-ruħ l-ex membri tal-Kunsill li m'għadhomx magħna. Wara sar it-tqegħid ta' żewġ kuruni mis-Sindku fil-preżenza tal-Kunsillieri, kuruna mal-monument iddedikat lil dawk li matul is-snin ħadmu l-arti piroteknika fil-Fontana u oħra mal-monument tas-sajjieda. Din l-okkażjoni għalqet b'serata soċjo-kulturali fis-Sala tal-Komunita' fejn indaqqu diversi siltiet mużikali minn Cordia String Quartet u Audrey Micallef, sar messaġġ mis-Sindku, kif ukoll ingħata t-trofew u l-midalja ta' Ġieħ il-Fontana lil Fr Alex Refalo li bejn Marzu 2008 u Settembru

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

2009 serva bħala Amministratur Parrokjali fin-nuqqas tal-Kappillan Fr Lino Vella. Fr Alex Refalo ngħata wkoll ktieb 'Il-Fontana u Ġrajjietha' li l-Kunsill ippubblika f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali.
Is-Sindku rringrazzja lid-Dama Maryanne Zammit li ppreżentat is-serata tal-okkażjoni fis-Sala tal-Komunita' u ma talbet l-ebda ħlas għas-servizz mogħti.
Is-Sindku qal li fil-jiem ta' qabel kien hemm ukoll il-pussess tal-Kappillan il-ġdid Fr Simon Cachia li għal din iċ-ċerimonja attenda flimkien mal-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Horace Micallef, Jonathan Cefai u Carmel Farrugia, kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Wara sar riċeviment fis-Sala tal-Komunita' fejn is-sala kienet offruta mingħajr ħlas mill-Kunsill.
L-għada ġiet iċċelebrata wkoll il-Festa ta' Sant'Indrija li għall-quddiesa solenni attendew is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef.

07.4.2 Is-Sindku għarraf ukoll li b'rabta mal-okkażjoni ta' Jum il-Fontana, il-Kunsill organizza żewġ ħarġiet b'suċċess. Waħda f'Għawdex nhar is-6 ta' Diċembru 2019 fejn żaru l-Kappella ta' San Pupulju u hemmhekk ġiet iċċelebrata quddiesa, is-Santwarju tal-Kunċizzjoni fil-Qala u ikla fir-ristorant tal-ITS 'Il-Meħir', attendew 25 persuna fosthom is-Sindku u l-Viċi Sindku. Il-ħarġa l-oħra saret f'Malta nhar il-15 ta' Diċembru 2019 fil-villaġġ tal-Milied fir-Rabat "Natalis Notabilis", kif ukoll fl-istabbiliment PAMA. Attendew 38 persuna fosthom is-Sindku u l-Viċi Sindku.

07.4.3 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, informa lill-membri li nġabru d-donazzjonijiet b'risq il-Malta Community Chest Fund. Saret ġabra dakinhar tas-serata ta' Jum il-Fontana li tammonta għal €100.35, u ġbir mill-kaxxi li tqassmu fi tlett ħwienet fil-lokalita' bl-ammont ta' €242.00. Huwa qal li mill-*envelopes* kollha li tqassmu fid-djar kienu biss 18-il *envelope* li ntefgħu f'dawn il-kaxxi. Is-Sindku, għarraf lill-membri li dawn id-donazzjonijiet, li b'kollox ammontaw għal €342.35, ġew preżentati minnu, fil-preżenza tal-Kunsillier Carmel Farrugia, lill-President ta' Malta waqt okkażjoni li saret fil-lukanda Ta' Ċenċ nhar l-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2019.

07.4.4 Is-Sindku informa lill-membri li sar ix-xogħol ta' tneħħija tad-*disabled parking bay* fi Triq Ta' Mulejja.

07.4.5 Is-Sindku informa lill-membri li sar ix-xogħol ta' tneħħija ta' żewġ *hand rails* fi Triq il-Kappillan Hili u nġabru fil-garaxx tal-Kunsill.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

07.4.6 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li saru ż-żewġ qsari tal-irħam għal quddiem in-niċċa tas-Salvatur u ser jeħlu fil-jiem li ġejjin.

07.4.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li hemm bżonn isir xogħol sabiex jinqala' l-qasab fil-Wied tax-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

07.4.8 Is-Sindku nforma lill-membri li fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali preċedenti bin-numru 38 li kienet saret fis-26 ta' Novembru 2018, waqt il-laqgħa kien ġie kkonfermat x'ser tkun l-iskrizzjoni ta' fuq il-monument dwar it-tradizzjoni tal-logħob tan-nar iżda fil-minuti dawn m'humiex imniżżla, għalhekk is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera Horace Micallef Carmel Farrugia (li kienu t-tlieta preżenti għal dik il-laqgħa) kkonfermaw li dakinhar kien hemm qbil li l-iskrizzjoni tal-monument tkun: "Il-Kunsill Lokali waqqaf dan il-mafkar b'għożża u ħajr lill-Fontanin kollha li pprattikaw u żviluppaw l-arti piroteknika u għal ħafna snin ħadmu l-logħob tan-nar għall-festi tal-Qalb ta' Ġesu' u Sant'Indrija".

07.4.9 Is-Sindku informa lill-membri li l-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar fir-rigward tal-iżvilupp tal-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku hemm bżonn li jiġġedded. Għalhekk ser jiġi nfurmat il-Perit tal-proġett. Kien hemm qbil dwar dan.

07.4.10 Is-Sindku għarraf lill-membri li bħal kull sena ser isir it-tqassim ta' ikla lill-anzjani tal-lokalita' li jgħixu waħedhom f'nhar il-Milied għall-ħabta tal-10 ta' filgħodu mill-membri tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

07.4.11 Is-Sindku għarraf lill-membri li f'Jannar 2020 ser tkun qed tiġi mġedda l-polza tal-assigurazzjoni tas-saħħa u l-*personal accident* tal-membri u l-istaff tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

07.4.12 Is-Sindku informa lill-membri li attenda l-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex li saret nhar il-25 ta' Novembru 2019.

07.4.13 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill irid jerġa' jixtri x-xemgħat għal quddiem in-niċċa tas-Salvatur. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

07.4.14 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, informa lill-membri li x-xogħol ta' żebgħa fuq il-marki stradali għadhom ma sarux kollha mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex. Huwa qal li għad baqa' xi sinjali fi Triq il-Kappillan Hili, Triq l-Isptar San Ġiljan u Trejqet Grezzja Grima.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

07.4.15 Is-Sindku għarraf lill-membri li sar ix-xogħol ta' tindif tal-bronż li hemm fil-monument tas-sajjieda.

07.4.16 Is-Sindku għarraf li fil-jiem li ġejjin ser tinħareġ is-sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex tinxtara l-apparat tal-logħob (*playhouse*) għall-*playingfield* biex tinbidel dik li hemm preżentament hekk kif maqbul f'laqgħa preċedenti.

07.4.17 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg għarraf lill-membri dwar il-proposta li kien ressaq sabiex il-Kunsill jixtri van li taħdem bl-elettriku għas-servizz tal-anzjani tal-lokalita', li l-Kunsill għandu jitlob gwida mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali minn fejn jista' jottjeni fondi għal dan il-proġett, minħabba li s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Kunsilli Lokali ma jistgħux jibbenefikaw mill-Fond tal-Kawżi Ġiusti.

07.4.18 Is-Sindku rringrazzja lill-Kappillan Fr Simon Cachia li ma riedx ħlas għall-intenzjoni tal-quddiesa ta' Jum il-Fontana li saret għar-ruħ iż-żewġ ex-membri tal-Kunsill Lokali tal-Fontana kif ukoll li lanqas ried ħlas għall-animazzjoni tal-quddies permezz tal-orgni tal-Knisja.

## 07.5 Xogħol ta' servizzi u kisi bit-tarmac f'parti minn Triq tal-Għajn ;

07.5.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li ġie ffirmat minnu u mis-Segretarju Eżekuttiv, fil-Ministeru Għal Għawdex, il-kuntratt ta' finanzjament għax-xogħol addizzjonali tas-servizzi tad-drenaġġ li ser isiru fi Triq il-Għajn, bejn Pjazza Tomba u Triq il-Kappillan G Hili. Ingħataw €56,868.

07.5.2 Is-Sindku għarraf ukoll lill-membri li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attenda għal żewġ laqgħat fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex dwar dan ix-xogħol mal-Ministru għal Għawdex, mal-kuntrattur kif ukoll mal-Inġiniera tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u tal-Enemalta. Waqt din il-laqgħa kien hemm qbil li x-xogħol fuq din il-parti tat-triq ser isir fi Frar 2020. Dan il-qbil sar permezz ta' *timetable* li saret mill-Ministeru Għal Għawdex flimkien mal-kuntrattur dwar diversi xogħlijiet li l-kuntrattur għandu pendenti.

07.5.3 Is-Sindku qal ukoll li ġie mgħarraf li uffiċċjali tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma marru fuq il-post biex isiru spezzjonijiet biex jiddeterminaw jekk fil-parti l-wiesa' ta' din it-triq jiġifieri fi Triq tal-Għajn

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

bejn Triq il-Qalb ta' Ġesu' u Triq il-Kappillan Hili hemmx il-bżonn li jinbidel il-*main* tad-drenaġġ ukoll.

## 07.6 Il-Proċess tal-Ħatra ta' Skrivan fi skala 15;

07.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-membri r-rapport tal-Bord tal-Għażla għall-ħatra ta' skrivan *part-time* fi skala 15. Ir-rapport jelenka l-proċess kollu ta' din il-ħatra u jirrakkomanda lis-Sinjura Monica Falzon biex tiġi magħżula għal dan l-impjieg minħabba li ġabet l-akbar ammont ta' marki wara li saru l-intervisti lill-applikanti nteressati u eliġibbli.

07.6.2 Wara diskussjoni fost il-membri, il-Kunsill approva dan ir-rapport u laqa' r-rakkommandazzjoni tal-Bord tal-Għażla biex il-Kunsill jimpjega lis-Sinjura Monica Falzon.

07.6.3 Il-Kunsill inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jippubblika r-riżultat fin-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali, kif ukoll jinforma bir-riżultat lill-applikanti kollha filwaqt li jgħarraf lis-Sinjura Monica Falzon, biex il-Kunsill Lokali jkun jista' jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar dan u jekk hu possibli s-Sinjura Monica Falzon tibda l-impjieg tagħha mal-bidu tas-sena l-ġdida.

## 07.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

07.7.1 Il-Kunsill irċieva korrispondeza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex fuq talba mill-Kunsill biex isir ix-xogħol fuq il-laterna LED ta' Triq Wied Siekel mill-istess Kunsill Reġjonali. Il-Kunsill Reġjonali wieġeb li minkejja li r-responsabbilta' tad-dwar tat-toroq għaddiet lir-Reġjun Għawdex, kemm it-twaħħil ta' arblu ġdid kif ukoll it-trasferiment tal-laterna minn mal-arblu preżenti għal dak ġdid, iridu jitħalsu mill-Kunsill Lokali tal-Fontana. Il-Kunsill Carmel Farrugia informa lill-membri li l-Enemalta qalgħet din il-lanterna u inġabet il-Kunsill. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri li l-ewwel isir ix-xogħol ta' twaħħil tal-fanali dekorattivi l-ġodda li ser jeħlu f'diversi toroq tal-lokalita' inkluż fi Triq Wied Siekel u jekk ikun hemm nuqqas ta' dawl, jiġi kkunsidrat li jsir arblu.

07.7.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn WasteServ Malta Ltd biex il-Kunsill jgħaddi l-informazzjoni dwar il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart tas-

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

sena 2020 ħalli WasteServ Malta Ltd tkun tista' tirrifondi l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart organiku. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li rrisponda din il-korrispondenza li l-Kunsill qed jopera bir-rati tal-kuntratt ta' qabel minħabba l-fatt li s-sejħa għall-offerti nħarġet iżda ma ngħatatx minħabba li l-orħos offerta mitfugħa kienet 152% għola mill-*budget* tal-Kunsill. Wara diskussjoni dwar dan mill-membri kien hemm qbil li terġa' tinħareġ is-sejħa hekk kif il-Kunsill jirċievi l-korrispondenza bl-allokazzjoni tal-fondi għal 2020.

07.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li rigward l-ilment imressaq minn resident, li qed jallega li waqa' xi ġebel minn taħt il-*belvedere* ta' Triq Ta' Mulejja fil-propjeta' tiegħu, iċċekja mal-Awtorita' tal-Artijiet hekk kif maqbul fl-aħħar laqgħa u mill-Awtorita' tal-Artijiet ingħata formula biex timtela' mill-Perit tal-Kunsill biex ikunu jistgħu jagħtu l-informazzjoni. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed il-parir tal-Perit tal-Kunsill dwar din il-formula u jiġi ddeterminat jekk l-informazzjoni tridx tinġab mill-Awtorita' tal-Artijiet jew mill-*Lands Registry*. Ġie ċċarat li l-informazzjoni li trid tinġab dwar it-titolu tal-art lil min qed jgħajjat għandha tkun fuq il-*belvedere*, fuq il-propjeta' ta' taħtu, kif ukoll fuq it-taraġ li jagħti minn Triq Ta' Mulejja għal Triq Għajn Tuta.

07.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill laħaq ftehim ma' GRENKE Renting Ltd biex jitħallsu l-kontijiet pendenti biss mingħajr ebda ħlas addizzjonali jew penali. Il-Kunsill iffranka kważi nofs il-flus mitluba. Huwa qal li kif maqbul fl-aħħar laqgħa dawn tħallsu u l-kuntratt ma' din il-kumpanija ġie tterminat. Il-Kunsill irċieva korrispondeza mingħand GRENKE Renting Ltd b'konferma li rċieva l-pagament u li ser jiġu rapreżentanti tal-kumpanija biex jiġbru l-*photocopier/printer* mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li ntbagħtet korrispondenza lill-Forestals ukoll biex tinfurmahom dwar dan.

07.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li hekk kif maqbul fl-aħħar laqgħa, il-Kunsill bagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jingħata direzzjoni jekk il-Kunsill jistax jagħti x-xogħlijiet tal-proġett tal-*porfido* bħala *direct order* minħabba li ħarġet is-sejħa għall-offerti tlett darbiet u ma nstabx offerent għal dan ix-xogħol. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali wieġeb lura li l-Kunsill irid jimla' formula apposta li tkun tinkludi stima tax-xogħol mingħand il-kuntrattur (liema stima trid tkun appravata waqt laqgħa tal-Kunsill) biex imbagħad tiġi approvata mid-Direttur tal-Gvern Lokali kif ukoll mill-Ministru responsabbli. Wara

KUNSILL LOKALI FONTANA

diskussjoni bejn il-membri dwar dan, kien hemm qbil li l-Kunsill iġib stima mingħand erbgħa kuntratturi li fil-fehma tagħhom dejjem għamlu xogħol tajjeb f'dan il-qasam li huma : Road Construction Co Ltd, Joe Grima, Carmel Portelli u Trowel Soc Coop. Minn din id-diskussjoni ġie deċiż ukoll sabiex il-Kunsill jinforma lill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar dan kollu minħabba li se jkun finanzjat parzjalment mill-fond 'Development Planning Fund' u mill-fondi ta' 'Sebbaħ il-Lokal'.

07.7.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex li r-Reġjun flimkien mal-*Gozo CCU Foundation* ser tkun qed tagħti b'donazzjoni lill-Kunsilli *Automated External Defibrillator* (AED) biex dan jitwaħħal f'post li l-aktar ikun frekwentat min-nies sabiex f'każ ta' emerġenza dan l-apparat jiġi użat bil-għan li jiġu salvati aktar ħajjiet tan-nies. Is-Sindku flimkien mal-membri tal-Kunsill irringrazzjaw lill-Kunsill Reġjonali kif ukoll lid-Dama Carmen Bellamy, Fundatriċi u *Chair* tal-*Gozo CCU Foundation* għal din l-inizjattiva filwaqt kien hemm qbil sabiex din tiġi nstallata fl-inħawi tal-*playingfield* biex fl-istess ħin tkun sorveljata bil-*cameras* CCTV.

07.7.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana li ser tkun qed torganizza l-attivita' bl-isem 'Milied fl-Għejun' nhar il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru 2019. Is-Sur Joseph Mercieca, President ta' din il-Kummissjoni, talab sabiex il-Kunsill jagħti l-permess għal din l-attivita' li ssir fi Trejqet iċ-Ċentru Parrokjali, wara s-sangristija tal-Knisja kif ukoll gol-*playingfield* tal-Kunsill. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

07.7.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar mistoqsija li l-Kunsill kien għamel biex l-impjegata li ser tkun qed tiġi ngaġġata mal-Kunsill Lokali tal-Fontana, bħala skrivana *part-time* fi skala 15, tkunx tista' tassumi r-responsabiltajiet ta' *Contracts Manager*. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill li hija deċiżjoni tal-Kunsill kif jimpjega jew jixtri s-servizz ta' Contracts Manager. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri li l-impjegata l-ġdida tassumi r-responsabbiltajiet ta' *Contracts Managers* għal dawk is-*service contracts* li l-Kunsill għandu, jiġifieri fir-rigward tal-kuntratt tat-tindif u l-manutenzjoni tal-latrina pubblika, u l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart.

07.7.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali LCCPN No. 11 dwar il-*Contracts Management Fee* fejn id-Dipartiment

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

qed joħrog *policy* sabiex il-5% *management fee* m'għandhiex tkun imnaqqsa mill-kontijiet dovuti lill-kuntratturi. Għal din il-korrispondenza l-Kunsill Reġjonali Għawdex se jkun qed jitlob direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar rakkomandazzjoni mressqa mir-Reġjun Għawdex għal żieda fl-allokazzjoni tal-Kunsilli Lokali minħabba dawn l-ispejjeż il-ġodda.

07.7.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex b'referenza għall-komunikat maħruġ minn WasteServ Malta Ltd biex javża lill-Kunsill Lokali li mhux ser isir ġbir ta' skart organiku nhar il-25 ta' Diċembru 2019, Jum il-Milied, u nhar l-1 ta' Jannar 2020, Jum l-Ewwel tas-Sena. Fl-istess waqt il-Kunsill Reġjonali Għawdex informa lill-Kunsilli li r-Reġjun Għawdex għadu qed jistenna risposta dwar il-bdil tal-ġurnata tal-ġbir tal-iskart ħġieġ u għalhekk l-ġabra tal-iskart ħġieġ għandha tibqa' tinżamm kull l-ewwel Ħamis ta' kull xahar sakemm jiġi ppubblikat l-Avviż Legali li bih hu mistenni li l-ġabra tal-iskart ħġieġ tibda tinżamm kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar flok kull l-ewwel Ħamis tax-xahar.

07.7.11 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Mike Spagnol minn 'Infinite Fushion Technologies Ltd' li qed jiprovdi s-servizzi ta' *live-streaming* lill-Kunsill Lokali tal-Fontana. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li d-differenza fl-ammont ta' flus li ser jitħallsu kull sena biex is-sistema tkun konformi mal-liġijiet il-ġodda dwar il-*live streaming* tal-laqgħat ser tkun ta' €566.75. Kien hemm qbil mill-membri u ġiet approvata l-istima tal-kuntrattur li tammonta għal €1,416.00 kull sena biex jiprovdi dan is-servizz u l-Kunsill ikun konformi mal-liġijiet il-ġodda.

07.7.12 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li sar il-pagament ta' €1,795.20 direttament fil-kont bankarju tal-Kunsill b'konnessjoni mal-fondi tal-iskema tal-irrigazzjoni li ser issir fil-*playingfield* tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lill-membri li fil-kont bankarju daħlu wkoll il-flus tal-premju tal-kompetizzjoni 'Rebbiegħa fil-Komunita' €2,000 u daħlu wkoll il-flus tal-premju tal-'Organic Waste Project 2018' €2,973.60.

07.7.13 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mil-Kunsill Reġjonali Għawdex biex il-Kunsill Lokali tal-Fontana jgħaddi l-informazzjoni bl-ammont ta' bilanċ pendenti li l-Kunsill għandu fir-rigward tat-10% *commission* għax-xogħol li kien sar meta LES kienet taqa' taħt ir-Reġjun Għawdex. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wieġeb lura din il-

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

korrispondenza minħabba li l-Kunsill għandu jiġbor l-ammont ta' €580.86 mill-Kunsill Reġjonali Għawdex.

07.7.14 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Direttorat tal-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex il-Kunsill jibda jinforma lil dan id-dipartiment b'kull xogħol ta' restawr ta' bini storiku, munmenti, niċeċ, funtani, eċċ., li jkun qed isir jew jkun hemm il-pjan li jsir. Il-Kunsill innota dan.

07.7.15 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsillier Jonathan Cefai li ma setax jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2019 minħabba li l-*email* tiegħu ma kinitx qiegħda taħdem. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li din il-korrispondenza ma setgħatx titqies bħala ittra ta' apoloġija minħabba l-fatt li l-Kunsill irċieva din il-korrispondenza wara d-data tal-laqgħa, preċiżament nhar il-25 ta' Novembru 2019. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li madanakollu din l-assenza ma taffetwax l-*allowance* tal-Kunsillier skont ir-riforma fil-liġi tal-Gvern Lokali.

07.7.16 Ċirkulari AKL 2019/130 - Bulky Waste Carriers at CA Sites. Il-Kunsill ipprovda l-informazzjoni mitluba hekk kif ingħata l-informazzjoni sħiħa mill-kuntrattur.

07.7.17 Ċirkulari AKL 2019/132 - 356 Holdings Ltd v. Assocazzjoni tal-Kunsilli Lokali et (ECC) - Risposta mahlufa tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet kopja tar-risposta sottomessa fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.7.18 Ċirkulari AKL 2019/135 – LCA Christmas Gathering. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.7.19 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bis-suġġett 'Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 25 (emendati) u Laqgħa Nu. 26'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.7.20 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bis-suġġett 'Rikjesta ta' informazzjoni mill-MCCAA'. L-informazzjoni mitluba ġiet mibgħuta mill-Kunsill.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

07.7.21 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bis-suġġett 'Exchange of Christmas Greetings 2019'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.7.22 DLG Ċirkulari Numru 22/2019 – Onorarju u Allowances. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.7.23 DLG Direttiva Numru 7/2019 – Risk Assessments tal-Playing Fields Madwar Malta u Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil li dan isir u jintbagħat lid-Dipartiment sal-ġurnata stipulata fid-direttiva, jiġifieri sal-aħħar ta' Ġunju ta' kull sena.

07.7.24 Ilment 14/2019 – E. Borg
Jitlob sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jsiru *double yellow lines* ta' metru kull naħa tal-entratura tal-garaxx fl-indirizz 'Stella Maris', Triq San Martin, Fontana. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

07.7.25 Ilment 15/2019 – D. Cilia
Jitlob sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jsiru *double yellow lines* ta' metru ma' ġenb il-garaxx in-naħa tal-għalqa ħdejn 'Harmony Crt', Triq il-Qalb ta' Ġesu', Fontana. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 07.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

07.8.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

## 07.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

07.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 06/2019 għall-perjodu bejn it-22 ta' Novembru 2019 u d-19 ta' Diċembru 2019 li tammonta għal €20,120.89 ġiet approvata u ffirmata.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## 07.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

07.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 30 ta' Jannar 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 30 ta' Jannar 2020.

| | |
|---|---|
| *IFFIRMATA* | *IFFIRMATA* |
| Saviour Borg | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA